# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

April 2019

Merħba! Il-Papa jistieden lil bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Għat-tobba u dawk kollha li jagħtu għajnuna umanitarja f'pajjiżi li jinsabu fi gwerra u li jirriskjaw ħajjithom stess biex isalvaw dik tal-oħrajn.**

**Ninġabar:**

Nieqaf ftit u nirrifletti fuq dawk il-pajjiżi fejn hemm il-gwerra u naħseb f'dawk in-nies li jaħdmu f'dawn il-pajjiżi biex joffru kura medika lill-vittmi tal-gwerra. Inpoġġi lil dawn in-nies quddiem il-Mulej u nitlob sabiex jipproteġihom u jagħtihom is-saħħa u l-kuraġġ biex ikomplu l-missjoni tagħhom.

**Fatt ċkejken:**

Mr. David Nott, kirurgu Ingliż (*vascular surgeon*), ilu jmur jaħdem f'żoni fejn hemm il-gwerra, fosthom il-Bosnja, il-Libja u s-Sudan, għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Hu ra ħafna attroċitajiet bħal



tfal b'ġisimhom imtertaq, nisa tqal li sparawlhom fil-ġuf, rġiel b'widnejhom maqtugħha jew maħruqa u tant oħrajn. F'Ottubru tas-sena 1993, f'Aleppo ġos-Sirja, David Nott kien qed jopera raġel li kien midrub serjament. F'daqqa waħda l-bibien tat-teatru tal-operazzjonijiet infetħu, u hu u sħabu sabu ruħhom imdawrin b'irġiel lebsin l-iswed u armati bi xkubetti tat-tip AK47. Mr. Nott kien qed jipprova jsalva wieħed minn sħabhom u, għalkemm riġlejh ħasshom qishom *jelly,* idejh baqgħu sodi u kompla jsewwi l-arterja tal-pulmun tal-pazjent tiegħu. Waqt intervista, huwa kien qal: "Dak il-ħin kont naf li kienu joqtluni li kieku saru jafu li jien kont Nisrani. Tlabt lil Alla biex jgħini u jżommli jdejja sodi. Il-kirurgu Sirjan li kien miegħi qalilhom: '*Jekk jogħġobkom tfixklux lis-senior surgeon."* Fortunatament, inqala' xi ħaġa u l-ġellieda telqu 'l barra.

**Naħseb ftit:**

Qatt ħsibt dwar l-attroċitajiet li dawk in-nies li jaħdmu fiż-żoni tal-gwerra jiltaqgħu magħhom kuljum, kif ukoll r-riskji li jħabbtu wiċċhom magħhom?

Jien lest/a li nimpenja ruħi ta' kuljum fil-ħidma tiegħi bl-istess ħeġġa u dedikazzjoni li juru dawn in-nies?

**Nitlob:**

Mulej nitolbok sabiex tipproteġi lil dawn in-nies li jirriskjaw ħajjithom għall-oħrajn. Għinni sabiex nimxi fuq l-eżempju tagħhom u ngħix b'impenn is-sejħa tiegħi u nagħti lili nnifsi għall-ġid tal-oħrajn.

**Kliem ta' dawl:**

L-aħjar mod biex issib lilek innifsek hu li titlef lilek innifsek fis-servizz ta tal-oħrajn.

*Mahatma Ghandi*

**X'nista' nagħmel:**

Matul dan ix-xahar, waqt li nkun ix-xogħol, mal-familja tiegħi jew mal-ħbieb, nipprova naħseb dwar in-nies li jaħdmu f'żoni tal-gwerra. Nipprova nimxi fuq l-eżempju tagħhom u naqdi mill-qalb lill-persuni li niltaqa' magħhom fil-ħajja tiegħi ta' kuljum.